MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1233/2003

**Maruti Motors Limited**

**vs**

**Hubert Spiteri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Settembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u ghaxar liri Maltin u tmienja u tmenin centezmi (Lm810.88) dovuti mill-konvenut lis-socjeta' attrici skond sittax (16)-il kambjala (Nru.006 sa 021) li gew iffirmati minnu u li skadew fl-4 ta' Frar 2002, fl-4 ta' April 2002, fl-4 ta' Mejju 2002, fl-4 ta' Gunju 2002, fl-4 ta' Lulju 2002, fl-4 ta' Awissu 2002, fl-4 ta' Settembru 2002, fl-4 ta' Ottubru 2002, fl-4 ta' Novembru 2002, fl-4**

**ta’ Dicembru 2002, fl-4 ta’ Jannar 2003, fl-4 ta’ Frar 2003, fl-4 ta’ Marzu 2003, fl-4 ta’ April 2003, fl-4 ta’ Mejju 2003, fl-4 ta’ Gunju 2003 izda baqa ma’ thallsux u dana nonostante li gie diversi drabi nterpellat, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 19 ta’ Frar 2003 u tal-parir (LM15.00) kontra l-konvenut u bl-imghax kontra l-istess konvenut mid-data ta’ kull skadenza, u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fis-26 ta’ Novembru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta’ tmien mija u ghaxar liri Maltin u tmienja u tmenin centezmi (Lm810.88) bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ kull skadenza tal-kambjali relattivi.**
**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 19 ta’ Frar 2003 u tal-parir (LM15.00), ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------